MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Rikors Numru. 8/2005/1

**Carmel sive Charles Mifsud (ID 94852M)**

**vs**

**Louis sive Gigi Buttigieg**

Il-Bord

Ra r-rikors promotur:

Illi l-esponenti jikri lill-intimat il-garage li jinsab f'5 Triq Emanuel Galizia, Ta' Xbiex bil-kera ta' erbghin lira Maltin (Lm40);

Illi l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja b'dan illi ssulloka jew halla u qieghed ihalli lil min juza l-imsemmi garage minghajr l-awtorizazzjoni tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil dan il-Bord joghgbu jawtorizza lill-esponenti jirriprendi l-pussess tal-

garage in kwsitjoni skond il-ligi, u li ghall-fini ta’ zgumbrament, jigi prefiss lill-intimat zmien qasir u perentorju sabiex l-intimat jirritorna c-cwievet ta’ l-istess garage;

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid:

Illi l-kirja kienet saret sa’ mill-1981 meta l-proprjetarju kien Gasan, u fl-istess kirja kien hemm rikonoxxuti l-memebri tal-familja tal-esponenti;

Illi mhux minuu li l-garaxx mhux qed jintuza u li nbidlet id-destinazzjoni;

Illi dawn il-fatti kienu maghrufa lir-rikorrenti, sahansitra qabel xtara il-garage in kwistjoni;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi fil-mori tal-kawza l-intimat ammetta t-talbiet tar-rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2010;

Illi ghalhekk mhix mehtiega  konsiderazzjoni ulterjuri ta’ dan il-Bord

Ghalhekk il-Bord jilqa’ t-talba u jawtorizza lir-rikorrent jirriprendi l-fond garage numru 5 Triq Emmanuel Galizia Ta’ Xbiex fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-intimat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------